Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-26 ta' Settembru 2023**

**Kump. Nru. 89/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**Versus**

**Denise Mallia**
**(243076M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra **Denise Mallia nee' Farrugia**, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 243076M.

1. Akkuzata talli b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli fiz-zminijiet ta' bejn il-21 ta' Marzu 2016 u t-23 ta' Dicembru, 2016 gewwa l-Kumpanija Emanuel Delicata & Sons Limited, The Winery on the Waterfront, Qasam Industrijali, Kordin, Paola, Malta, approprjat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor u cioe' s-somma kumplessiva ta' aktar minn €25,000, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema haga giet fdata jew ikkunsinnata lil Denise Mallia minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda.

Rat illi l-imputata, fis-seduta tal-20 t' Ottubru 2022, irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Semghet ix-xiehda tal-Ufficcjal tal-Probation Sharlet Fabri u rat il-pre-sentencing report minnha prezentat fis-seduta tat-2 ta' Frar 2023.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha tenniet li hija hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi l-imputata regghet tenniet ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

**Illi l-Qorti giet infurmata illi l-flejjes mittiehda mill-imputata gew restitwiti fl-intier taghhom, kif ukoll illi l-Ufficjal tal-Probation flimkien mal-partijiet qablu illi piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea f'dan il-kaz.**

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 8, 18, 31, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata **hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontriha u qed tikkundannaha ghal sentejn (2) prigunerijia li ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett (3) snin mill-lum.**

Il-Qorti spjegat lill- imputata fi kliem ordinarju, l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Illi fil-kaz odjern ma gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputata f'dan ir-rigward.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien **sitt (6) ijiem tax-xogħol**, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**